

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2012/0060(COD)

9977/22
ADD 1 REV 1

CODEC 872
POLCOM 49
COMER 76
MAP 15
MI 458

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku u għall-konċessjonijiet tal-Unjoni u li jistabbilixxi l-proċeduri li jappoġġjaw in-negożjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u għall-konċessjonijiet ta' pajjiżi terzi (Strument għal Akkwist Internazzjonali - IPI) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill
fir-rigward tar-Regolament (UE) 2022/xxx*

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrikonoxxu li r-regoli dwar il-komitoloġija maqbula f'dan l-istrument ma jippreġudikawx l-eżitu ta' negożjati leġiżlattivi oħra li għaddejjin jew futuri u m'għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal fajls leġiżlattivi oħra.

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-pubblikazzjoni tar-Regolament il-ġdid.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-Regolament dwar l-Istrument għal
Akkwist Internazzjonali (Regolament 2022/xxx)***

Meta twettaq rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni, tal-funzjonament u tal-effiċjenza tar-Regolament (UE) 2022/xxx*, f'konformità mal-Artikolu 14 tiegħu, il-Kummissjoni ser tivvaluta wkoll il-ħtieġa li teżenta mill-applikazzjoni tiegħu kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma benefiċjarji tal-arranġament ġenerali msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, u b'mod partikolari l-benefiċjarji tal-arranġament speċjali ta' inċentivi għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba kif definit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 978/2012. Fir-rieżami, il-Kummissjoni ser tagħti attenzjoni partikolari lis-setturi li huma kkunsidrati strateġiċi fir-rigward tal-akkwist pubbliku tal-UE.

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-pubblikazzjoni tar-Regolament il-ġdid.